Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fit-30 ta' Jannar 2018[1]

**Kawża C-83/17**

**KP,** irrappreżentat minn ommu
**vs**
**LO**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Obbligi ta' manteniment – Nuqqas ta' possibbiltà ta' kisba ta' benefiċċji ta' manteniment mid-debitur – Bidla fl-Istat ta' residenza abitwali tal-kreditur – Applikazzjoni tal-*legis fori*"

## I. Introduzzjoni

1. Fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri, l-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija) titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007[2] fid-dawl tal-kawża li fiha din il-qorti esprimiet dubji fir-rigward tal-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment.

2. Dan l-aħħar il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrispondiet għal iktar minn darba domandi preliminari fformulati minn qrati nazzjonali fil-kuntest ta' kwistjonijiet dwar obbligi ta' manteniment fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 4/2009[3]. Dawn ir-rinviji għal deċiżjoni preliminari kienu jirrigwardaw jew ir-regoli ta' ġurisdizzjoni[4] jew inkella r-regoli dwar l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet[5].

3. Madankollu, it-talbiet għal deċiżjoni preliminari fformulati sa issa la kienu jirrigwardaw direttament id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 u lanqas ma kienu jirrigwardaw l-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 4/2009, li, fil-kwistjonijiet relatati mal-liġi applikabbli, jirreferi għal dan il-protokoll. Għalhekk dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari huwa l-ewwel wieħed li fih qorti nazzjonali titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta r-regoli ta' kunflitt ta' liġi li jinsabu fil-Protokoll ta' Den Haag tal-2007.

1 Lingwa oriġinali: il-Pollakk

2 It-test tal-Protokoll huwa anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/941/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Protokoll tal-Aja tat-23 ta' Novembru 2007 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi ta' Manteniment (ĠU 2009, L 331, p. 17, iktar 'il quddiem il-"Protokoll ta' Den Haag tal-2007").

3 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment (ĠU 2009, L 7, p. 1; rettifika ĠU 2011, L 131, p. 26).

4 Ara s-sentenzi tat-18 ta' Diċembru 2014, Sanders u Huber (C-400/13 u C-408/13, EU:C:2014:2461); tas-16 ta' Lulju 2015, A (C-184/14, EU:C:2015:479). Ara wkoll is-sentenza tal-15 ta' Frar 2017, W u V (C-499/15, EU:C:2017:118).

5 Sentenza tad-9 ta' Frar 2017, S. (C-283/16, EU:C:2017:104).

## II. Il-kuntest ġuridiku

### A. Id-dritt tal-Unjoni

#### *1. Ir-Regolament Nru 4/2009*

4. Id-dispożizzjonijiet dwar il-ġurisdizzjoni internazzjonali fi kwistjonijiet relatati ma' obbligi ta' manteniment jinsabu fil-Kapitolu II ("Ġurisdizzjoni") tar-Regolament Nru 4/2009. Fosthom jaqdi rwol prinċipali l-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament, intitolat "Dispożizzjonijiet ġenerali", li jipprovdi:

"Fi kwistjonijiet relatati ma' obbligi ta' manteniment, fl-Istati Membri, il-ġurisdizzjoni għandha tkun f'idejn:

a) il-qorti tal-post fejn il-konvenut għandu r-residenza abitwali tiegħu, jew

b) il-qorti tal-post fejn il-kreditur għandu r-residenza abitwali tiegħu, jew

[c]) il-qorti li, skont il-liġi tagħha stess, għandha l-ġurisdizzjoni biex twettaq proċedimenti li jikkonċernaw l-istatus ta' persuna jekk il-kwistjoni relatata ma' manteniment tkun anċillari għal dawk il-proċedimenti, sakemm dik il-ġurisdizzjoni ma tkunx ibbażata unikament fuq iċ-ċittadinanza ta' waħda mill-partijiet, jew

d) il-qorti li, skont il-liġi tagħha stess għandha l-ġurisdizzjoni biex iżżomm proċeduri li jikkonċernaw ir-responsabbiltà ta' ġenitur jekk il-kwistjoni relatata ma' manteniment tkun anċillari għal dawk il-proċeduri, sakemm dik il-ġurisdizzjoni ma tkunx ibbażata unikament fuq in-nazzjonalità ta' waħda mill-partijiet".

5. Min-naħa tiegħu, l-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 4/2009, intitolat "Determinazzjoni tal-liġi applikabbli" u li jinsab fil-Kapitolu III ta' dan ir-regolament, intitolat "Liġi Applikabbli", jipprevedi:

"Il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment għandha tiġi determinata skont [il-Protokoll ta' Den Haag tal-2007] […] fl-Istati Membri marbutin b'dak l-istrument".

#### *2. Il-Protokoll ta' Den Haag tal-2007*

6. L-Artikoli 3 u 4(1)(a) u (2) kif ukoll l-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 jipprovdu:

"Artikolu 3

Regola ġenerali dwar il-liġi applikabbli

1. L-obbligi ta' manteniment għandhom ikunu rregolati mil-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-kreditur, sakemm il-Protokoll ma jipprevedix mod ieħor.

2. F'każ ta' bidla fir-residenza abitwali tal-kreditur, il-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali l-ġdida għandha tapplika mill-mument ta' meta sseħħ il-bidla.

*Artikolu 4*

Regoli speċjali li jiffavorixxu lil ċerti kredituri

1. Id-dispożizzjonjiet li ġejjin għandhom japplikaw f'każ ta' obbligi ta' manteniment ta':

a) ġentituri lejn uliedhom;

[…].

2. Jekk il-kreditur ma jkunx jista', minħabba fil-liġi msemmija fl-Artikolu 3, jikseb manteniment mingħand id-debitur, għandha tapplika l-liġi tal-forum.

[…]".

**B. Id-dritt Ġermaniż**

7. Fid-dritt Ġermaniż, il-kwistjoni tat-talbiet għal manteniment b'mod retroattiv hija rregolata mill-Artikolu 1613 tal-Bürgerliches Gesetzbuch (il-Kodiċi Ċivili Ġermaniż, iktar 'il quddiem il-"BGB"). L-Artikolu 1613(1) jipprovdi:

"Il-kreditur jista' b'mod retroattiv jitlob l-eżekuzzjoni jew il-kumpens minħabba nuqqas ta' eżekuzzjoni biss mill-mument fejn id-debitur ikun ġie ordnat, għall-finijiet tal-irkupru ġudizzjarju tad-dejn tal-manteniment, jipprovdi informazzjoni dwar id-dħul tiegħu u dwar il-proprjetà tiegħu, jew mill-mument meta titressaq l-azzjoni għall-kisba ta' manteniment […]".

**C. Id-dritt Awstrijak**

8. Fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari l-qorti tar-rinviju tispjega li skont id-dritt Awstrijak, pretensjonijiet għal manteniment jistgħu jsiru sa tliet snin b'lura. Skont ġurisprudenza stabbilita fl-Awstrija l-intimazzjoni tad-debitur għall-ħlas ma huwiex prerekwiżit fil-pretensjonijiet għal manteniment retroattivi favur it-tifel jew tifla.

**III. Il-fatti fil-kawża prinċipali**

9. KP, il-minuri li ta lok għall-proċeduri prinċipali, kien jirrisjedi, sas-27 ta' Mejju 2015, flimkien mal-ġenituri tiegħu fil-Ġermanja. Fit-28 ta' Mejju 2015 il-minuri flimkien ma' ommu marru jgħixu l-Awstrija. Minn dak il-mument ir-residenza abitwali tagħhom hija f'dan l-aħħar Stat Membru.

10. Permezz ta' talba tat-18 ta' Mejju 2015, il-minuri ressaq talba għal manteniment kontra missieru, LO, quddiem qorti Awstrijaka. Fit-talba sussegwenti tat-18 ta' Mejju 2016, il-minuri estenda din it-talba b'tali mod li jintalab ukoll mingħand missieru manteniment b'mod retroattiv għall-perijodu li jippreċedi d-data ta' tressiq ta' din it-talba, jiġifieri mill-1 ta' Ġunju 2013 sal-31 ta' Mejju 2015.

11. Fil-kawża prinċipali, il-minuri jsostni li skont l-Artikolu 3(1) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, fir-rigward tal-obbligi ta' manteniment dovuti lilu għall-perijodu li matulu huwa kellu r-residenza abitwali tiegħu fil-Ġermanja, għandu japplika d-dritt Ġermaniż. Madankollu l-minuri ma jistax jikseb manteniment mingħand missieru, inkwantu skont kif speċifikat fl-Artikolu 1613 BGB il-kundizzjonijiet għal pretensjonijiet retroattivi ta' manteniment ma ġewx issodisfatti. B'hekk, konformement mal-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, id-dritt Awstrijak, li ma jipprevedix tali kundizzjonijiet fir-rigward ta' minuri, għandu japplika għall-evalwazzjoni tal-obbligi ta' manteniment għal dan il-perijodu.

12. Min-naħa tiegħu missier il-minuri jindika b'mod partikolari li l-applikazzjoni sussidjarja tal-*legis fori* konformement mal-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 tkun tista' tittieħed inkunsiderazzjoni li kieku d-debitur ressaq proċeduri jew li kieku l-awtorità ġudizzjarja kienet awtorità tal-Istat li fih la l-kreditur u lanqas id-debitur ma għandhom residenza abitwali. Barra minn hekk, l-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 ma japplikax, fejn il-kreditur, li jkun biddel ir-residenza abitwali tiegħu, jitlob manteniment b'mod retroattiv.

13. Il-qorti li kienet qed tiddeċiedi fl-ewwel istanza ċaħdet it-talba għal benefiċċji ta' manteniment b'mod retroattiv. Din il-qorti qieset li, konformement mal-Artikolu 3 tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, id-dritt Ġermaniż kien id-dritt applikabbli għall-obbligi ta' manteniment tal-missier lejn il-minuri fir-rigward tal-perijodu li jippreċedi l-bidla tal-post ta' residenza tal-minuri. Madankollu l-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 ma setax jiġi applikat fir-rigward ta' benefiċċji ta' manteniment retroattivi. Il-benefiċċji ta' manteniment relatati mal-perijodu li jippreċedi l-bidla fil-post ta' residenza abitwali tal-kreditur għandu jkompli jiġi evalwat taħt l-Artkikolu 3(1) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, sa fejn b'mod ġenerali din il-qorti għandha ġurisdizzjoni għal dan il-perijodu fis-sens tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 4/2009.

14. Il-qorti tal-appell ikkonfermat dan l-appell u kkondividiet l-argumenti tal-qorti tal-ewwel istanza.

15. L-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema) għandha tagħti deċiżjoni dwar ir-rikors għal reviżjoni ppreżentat mill-minuri fir-rigward tad-deċiżjoni li tirrigwarda l-benefiċċji ta' manteniment retroattivi.

## IV. Id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

16. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Ir-regola ta' sussidjarjetà fl-Artikolu 4(2) tal-[Protokoll ta' Den Haag tal-2007] għandha tiġi interpretata fis-sens li tapplika biss meta r-rikors promotur li jagħti bidu għall-proċedura għall-ħlas ta' manteniment jiġi ppreżentat fi Stat Membru differenti minn dak tar-residenza abitwali tal-kreditur tal-manteniment?

Jekk tingħata risposta negattiva għal din id-domanda:

2) L-Artikolu 4(2) tal-[Protokoll ta' Den Haag tal-2007] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-espressjoni 'ma jkunx jista' […] jikseb manteniment' tirreferi wkoll għall-każijiet li fihom il-liġi tal-post ta' residenza preċedenti ma tipprovdix kreditu ta' manteniment għall-passat [b'mod retroattiv] sempliċiment għaliex ċerti kundizzjonijiet legali ma jkunux issodisfatti?"

17. It-talba għal deċiżjoni preliminari waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-15 ta' Frar 2017.

18. Il-Gvern Ġermaniż u l-Kummissjoni ressqu osservazzjonijiet bil-miktub.

## V. Analiżi

### A. Osservazzjonijiet preliminari dwar il-Protokoll ta' Den Haag tal-2007

19. Fil-perijodu li jippreċedi d-data ta' dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 4/2009 il-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qrati f'kawżi dwar obbligi ta' manteniment kienet irregolata mir-regoli ta' ġurisdizzjoni li jirriżultaw mill-Konvenzjoni ta' Brussell [6] u mir-Regolament Brussell I [7].

20. Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 4/2009 kien ikopri r-regoli ta' ġurisdizzjoni f'kawżi dwar obbligi ta' manteniment, bl-esklużjoni ta' kawżi relatati ma' din il-kategorija ta' obbligi li jaqgħu taħt is-sistema ta' Brussell [8].

21. Madankollu fir-Regolament Nru 4/2009 hemm nuqqas ta' dispożizzjonijiet li jiddeterminaw direttament il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment. Sa dak il-mument, din il-problematika lanqas ma kienet irregolata minn strumenti oħra li jaqgħu taħt id-dritt internazzjonali privat tal-Unjoni, li jeskludu b'mod ċar mill-kamp ta' applikazzjoni tagħhom din il-kategorija ta' obbligi [9].

22. Skont il-kunsiderazzjonijiet inizjali r-regoli ta' kunflitt ta' liġi li jidentifikaw il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment kellhom ikunu jinsabu fir-Regolament Nru 4/2009 nnifsu [10]. Madankollu dan seta' jikkomplika l-adozzjoni tar-Regolament peress li ċerti Stati Membri ma kinux favorevoli għall-adozzjoni ta' regolament li jinkludi regoli ta' kunflitt ta' liġi. Huwa fost oħrajn għal din ir-raġuni li ġie rrikonoxxut, waqt ix-xogħlijiet marbuta ma' dan ir-regolament, li l-approssimazzjoni tar-regoli ta' kunflitt ta' liġi tista' sseħħ permezz ta' strument li jirriżulta minn ftehim fil-forma tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 [11]. Dawn l-azzjonijiet koerenti taw lok, minn naħa, għall-adeżjoni tal-Komunità għall-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 [12], u min-naħa l-oħra, għall-inklużjoni ta' dispożizzjoni fir-Regolament Nru 4/2009 li skontha l-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment hija ddeterminata skont dan il-protokoll [13].

6 Konvenzjoni ta' Brussell tas-27 ta' Settembru 1968 dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU 1972, L 299, p. 32).

7 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42).

8 Ara l-Artikolu 68(1) tar-Regolament Nru 4/2009 kif ukoll il-premessa 44 tal-istess regolament.

9 Ara l-Artikolu 1(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) (ĠU 2008, L 177, p. 6) u l-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II) (ĠU 2007, L 199, p. 40), li jeskludu mill-kampijiet ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti l-obbligi kuntrattwali u l-obbligi mhux kuntrattwali "li jirriżultaw minn relazzjonijiet familjari u relazzjonijiet meqjusa mil-liġi applikabbli għal tali relazzjonijiet bħala li għandhom effetti komparabbli, inklużi obbligazzjonijiet ta' manteniment". Il-Konvenzjoni ta' Ruma dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali (ĠU 2005, C 169, p. 10, iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Ruma"), li l-kamp ta' applikazzjoni tagħha essenzjalment kienet tikkorrispondi ma' dak tar-Regolament Ruma I, kienet teskludi wkoll espressament mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha l-obbligi kuntrattwali dwar "drittijiet u dmirijiet li jkunu ġejjin minn relazzjoni familjari, parentela, żwieġ jew affinità, inklużi obbligi ta' manteniment fir-rigward ta' tfal illeġittimi" (it-tielet inċiż tal-Artikolu 1(2)(b) tal-Konvenzjoni ta' Ruma).

10 Il-Proposta tal-Kummissjoni tal-15 ta' Diċembru 2005 għal regolament tal-Kunsill dwar il-kompetenza, il-liġi applikabbli, l-għarfien u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni fil-qasam ta' obbligi ta' manteniment (COM (2005) 649 finali, proċedura Nru 2005/0259 (CNS), iktar 'il quddiem il-"Proposta għal Regolament Nru 4/2009") kienet tinkludi Kapitolu III, intitolat "Liġi applikabbli" li fiha kien hemm sensiela ta' dispożizzjonijiet relatati mal-kwistjoni tad-determinazzjoni tal-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment (Artikoli 12 sa 21 tal-Proposta għal Regolament).

11 Župan, M., "Innovations of the 2007 Hague Maintenance Protocol", Beaumont, P., Hess, B., Walker, L., Spancken, S. (ed.), *The Recovery of Maintenance in the EU and Worldwide*, Oxford – Portland, Hart Publishing 2014, p. 313. L-inklużjoni tar-regoli ta' ġurisdizzjoni u ta' kunflitt ta' liġi f'żewġ atti ġuridiċi separati tippermetti lil ċerti Stati Membri jaderixxu mar-Regolament Nru 4/2009 mingħajr ma jkollhom jimpenjaw lilhom infushom japplikaw ir-regoli ta' kunflitt ta' liġi tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 (ara Beaumont, P., "International Family Law in Europe – the Maintenance Project, the Hague Conference and the EC: A Triumph of Reverse Subsidiarity", *Rabels Zeitschrift für ausländisches und internationales Privatrecht*, 2009, Band 73, Heft 3, p. 514). Dan huwa wkoll il-każ tar-Renju Unit, li finalment aderixxa mar-Regolament Nru 4/2009, iżda li xorta ma hijiex parti fil-Protokoll ta' Den Haag tal-2007.

12 Ara l-punt 25 ta' dawn il-konklużjonijiet.

13 Ara l-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 4/2009. Għal iktar tagħrif dwar il-kwistjoni tal-inklużjoni tar-regoli li jirriżultaw minn ftehim fis-sistema ta' regoli ta' kunflitt tad-dritt tal-Unjoni, ara de Miguel Asensio, P.A., Bergé, J.S., "The Place of International Agreements and European Law in a European Code of Private International Law", Fallon, M., Lagarde, P., Poillot Peruzzetto, S. (dir.), *Quelle architecture pour un code européen de droit international privé?*, Frankfurt am Main, Peter Lang 2011, p. 187 *et seq.*

### B. Fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-finijiet tal-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007

23. Il-parti prinċipali tal-ġustifikazzjoni tat-talba għal deċiżjoni preliminari hija ppreċeduta mill-kummenti tal-qorti tar-rinviju fir-rigward tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007. Il-qorti tar-rinviju tindika li l-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 4/2009 jirreferi espressament għall-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, liema fatt jippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-protokoll. Il-qorti tar-rinviju ssostni ulterjorment, bħalma tagħmel il-Kummissjoni, li l-Komunità rratifikat il-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, liema fatt jiġġustifika wkoll il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-għoti ta' risposti għad-domandi preliminari relatati ma' dan l-istrument legali.

24. F'dan il-kuntest fl-ewwel lok għandu jitfakkar li skont il-punt b tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni tagħti deċiżjoni preliminari, fost oħrajn, fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' atti adottati mill-istituzzjonijiet, korpi jew organi tal-Unjoni.

25. Permezz tad-deċiżjoni tat-30 ta' Novembru 2009 [14], adottata fost oħrajn fuq il-bażi tat-tieni sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2) u tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(3) KE, il-Kunsill approva l-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 f'isem il-Komunità.

26. Konformement ma' ġurisprudenza stabbilita, kuntratt konkluż mill-Kunsill taħt l-Artikolu 300 KE jikkostitwixxi, fir-rigward tal-Komunità, att adottat minn waħda mill-istituzzjonijiet tagħha fis-sens tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jiddefinixxu l-portata tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari [15].

27. Bħalissa, il-problematika tal-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali f'isem l-Unjoni hija rregolata mill-Artikolu 218 TFUE. Il-proċedura li twassal għall-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali mill-Unjoni u l-effetti tagħha ma kinux suġġetti għal bidliet li jqiegħdu inkwistjoni r-rilevanza tal-ġurisprudenza attwali tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan is-sens. L-Artikolu 216(2) TFUE, li huwa ekwivalenti għall-Artikolu 300(7) KE jipprevedi barra minn hekk li l-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni jivvinkolaw lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u lill-Istati Membri. Dan ifisser li d-dispożizzjonijiet ta' tali ftehim jagħmlu parti integrali, mad-dħul fis-seħħ ta' dawn tal-aħħar, mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni u, fil-kuntest ta' dan l-ordinament ġuridiku, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tagħti deċiżjonijiet preliminari fuq l-interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

### C. Fuq l-ewwel domanda preliminari

#### *1. Osservazzjonijiet preliminari*

28. Permezz tal-ewwel domanda preliminari tagħha l-qorti tar-rinviju għandha l-għan li tikkjarifika jekk l-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 jistax japplika għal proċeduri quddiem qrati ta' Stati Membri li fihom il-kreditur tal-manteniment għandu r-residenza abitwali tiegħu.

14 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 2.

15 Ara s-sentenza tat-22 ta' Ottubru 2009, Bogiatzi (C-301/08, EU:C:2009:649, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29. Il-qorti tar-rinviju tindika li, konformement mal-punt 63 tar-rapport ta' A. Bonomi[16], l-applikazzjoni sussidjarja tal-*legis fori* fuq il-bażi tal-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 hija utli meta proċeduri dwar benefiċċji ta' manteniment jitressqu quddiem qorti nazzjonali li ma tkunx dik tal-Istat li fih il-kreditur tal-manteniment għandu r-residenza abitwali tiegħu. Fis-sens oppost, il-*legis fori* hija l-liġi tal-Istat ta' residenza abitwali tal-kreditur u għalhekk, skont l-Artikolu 3(1) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, il-liġi essenzjalment applikabbli għall-obbligi ta' manteniment. Huwa għalhekk li l-Artikolu 4(2) ta' dan il-protokoll jista' jkun applikabbli meta proċeduri dwar obbligi ta' manteniment jitressqu mid-debitur jew jitressqu quddiem korpi ta' Stat li ma jkunx dak li fih il-kreditur għandu r-residenza abitwali tiegħu.

30. B'riferiment għall-imsemmija partijiet tar-rapport ta' spjega, il-qorti tar-rinviju madankollu tindika li, fl-opinjoni tagħha, dawn ġew ifformulati fis-sens li kienu jassumu li l-kreditur ma biddilx ir-residenza abitwali tiegħu. Għaldaqstant ma hemmx ċertezza jekk l-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 japplikax meta l-kreditur jittrasferixxi r-residenza abitwali tiegħu lejn Stat ieħor u jressaq quddiem qorti ta' dan l-Istat talba għal benefiċċji ta' manteniment retroattivi, li tippreċedi l-bidla ta' residenza abitwali tiegħu.

31. Permezz tal-ewwel domanda tagħha l-qorti tar-rinviju tixtieq essenzjalment tistabbilixxi liema huma l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Għaldaqstant nipproponi li sabiex tingħata risposta għall-ewwel domanda l-Qorti tal-Ġustizzja tispjega liema huma l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni fil-każ fejn il-kreditur ibiddel il-post ta' residenza abitwali tiegħu u sussegwentement jitlob mingħand id-debitur benefiċċji ta' manteniment retroattivi.

### *2. Pożizzjoni tal-Gvern Ġermaniż*

32. Il-Gvern Ġermaniż iqis li fil-għoti ta' risposta għall-ewwel domanda preliminari ma huwiex meħtieġ li wieħed jillimita lilu nnifsu sempliċement għall-interpretazzjoni tal-formulazzjoni tal-Artikolu 3(2) u tal-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007. L-istruttura u l-għan ta' dan l-istrument legali f'dan is-sens iwasslu għall-konklużjoni li l-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 jista' jiġi applikat biss f'sitwazzjoni fejn il-qorti li quddiemha l-kreditur iressaq talba għal benefiċċji ta' manteniment retroattivi jkollha ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ta' kwistjoni dwar benefiċċji ta' manteniment fir-rigward ta' dan il-perijodu.

33. Dan il-gvern jindika li r-regoli ta' kunflitt ta' liġi li jinsabu fil-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 huma dipendenti fuq is-suppożizzjoni li għandu jkun hemm rabta bejn is-sitwazzjoni fattwali li minnha l-kreditur jislet id-dritt tiegħu li jitlob benefiċċji ta' manteniment u l-liġi applikabbli għall-evalwazzjoni tal-istess benefiċċji. Ir-regoli ta' ġurisdizzjoni huma bbażati fuq premessa simili. Għaldaqstant ir-rabta speċifika għandha teżisti wkoll bejn Stati li l-qrati tagħhom jistgħu jieħdu konjizzjoni ta' kwistjoni dwar benefiċċji ta' manteniment u s-sitwazzjoni fattwali li minnha l-kreditur jislet id-dritt tiegħu għal dawn il-benefiċċji.

### *3. Pożizzjoni tal-Kummissjoni*

34. Il-Kummissjoni tqis li l-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 jista' jiġi applikat għal kull kwistjoni, anki fil-każ ta' kwistjoni mressqa quddiem qorti fl-Istat fejn il-kreditur għandu l-post ta' residenza abitwali tiegħu. Dan jirrigwarda wkoll sitwazzjonijiet fejn il-kreditur jitlob manteniment retroattiv.

16 Rapport ta' spjega ta' A. Bonomi dwar il-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, *Actes et documents de la Vingt et unième session de la Conférence de La Haye (2007)*, disponibbli wkoll fil-verżjoni elettronika: https://www.hcch.net/fr/publications-and-studies/details4/?pid=4898&dtid=3.

35. Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-punt 63 tar-rapport ta' A. Bonomi, li għalih għamlet riferiment il-qorti tar-rinviju fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, ma jidentifikax il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 iżda jelenka l-każijiet li fihom din id-dispożizzjoni tista' tirriżulta utli għall-kreditur tal-manteniment.

36. Il-Kummissjoni tindika b'mod partikolari li l-kundizzjoni li tippermetti l-applikazzjoni tal-liġi tal-Istat tal-qorti tar-rinviju fuq il-bażi tal-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 hija n-nuqqas ta' possibbiltà li jinkisbu benefiċċji ta' manteniment "minħabba fil-liġi msemmija fl-Artikolu 3 [ta' dan il-Protokoll]". Dan ifisser, skont il-Kummissjoni, li l-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 ma jirrigwardax biss il-liġi indikata bħala dik li hija applikabbli abbażi tal-Artikolu 3(1) ta' dan il-protokoll, iżda wkoll abbażi tal-Artikolu 3(2) tiegħu. Fil-fehma tal-Kummissjoni, l-interpretazzjoni teleoloġika ta' din id-dispożizzjoni twassal għal konklużjonijiet identiċi. L-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 għandu l-għan li jiffavorixxi ċerti kategoriji ta' kredituri fir-rigward tas-soluzzjonijiet previsti fl-Artikolu 3 ta' dan il-protokoll, li jirrigwardaw lill-kredituri ta' manteniment kollha kemm huma.

### *4. Analiżi relatata mal-ewwel domanda preliminari*

#### *a) Interpretazzjoni litterali*

37. Fl-ewwel lok xtaqt nosserva li fuq il-bażi ta' interpretazzjoni litterali tal-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, ikun relattivament faċli li r-risposta għall-ewwel domanda tkun konformi mal-pożizzjoni tal-Kummissjoni u li wieħed isostni li l-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 jista' jkun applikabbli f'kull tip ta' proċeduri, anki fi proċeduri quddiem qrati tal-Istat li fih il-kreditur ikollu r-residenza abitwali tiegħu. Jekk wieħed jassumi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni biss l-interessi tal-kreditur tal-manteniment, tali risposta tkun iktar evidenti. Madankollu, fil-fehma tiegħi tali pożizzjoni tidher li hija bbażata fuq interpretazzjoni wisq superfiċjali tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 u fuq raġunament li ma jiħux inkunsiderazzjoni konklużjonijiet li jirriżultaw minn interpretazzjoni sistematika u teleoloġika.

38. Fuq il-bażi tal-formulazzjoni tal-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-*legis fori* tista' tkun applikabbli minflok il-liġi tal-Istat li fih il-kreditur ikollu r-residenza abitwali tiegħu attwali u l-liġi tal-Istat li fih il-kreditur kellu r-residenza abitwali tiegħu preċedentement, ġaladarba l-formulazzjoni "liġi msemmija fl-Artikolu 3 [ta' dan il-Protokoll]" għandha tinftiehem f'dan is-sens.

39. Ma ninsabx għal kollox konvint dwar jekk dan l-argument effettivament jikkonfermax li l-kliem tal-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 jiddetermina kif wieħed għandu jipproċedi f'każ fejn il-kreditur ibiddel il-post ta' residenza abitwali tiegħu u sussegwentement jitlob benefiċċji ta' manteniment retroattivi għal perijodu li jippreċedi l-bidla fir-residenza abitwali tiegħu. Sa fejn l-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 nnifsu huwa nieqes minn preċiżazzjonijiet oħra li jippermettu li tinsilet pożizzjoni ċara dwar din il-kwistjoni, l-analiżi tal-kumplament tal-partijiet ta' redazzjoni tal-Artikolu 4 ta' dan il-protokoll tqajjem numru ta' dubji f'dan ir-rigward.

40. Pereżempju, fejn il-kreditur iressaq proċeduri kontra debitur quddiem awtorità tal-Istat fejn dan tal-aħħar ikollu r-residenza abitwali tiegħu, l-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 jimponi li fl-ewwel lok tiġi applikata l-*legis fori*. Jekk bis-saħħa ta' din il-liġi l-kreditur ma jkunx jista' jikseb benefiċċji ta' manteniment mid-debitur, għandu japplika "il-liġi tal-Istat fejn il-kreditur ikollu r-residenza abitwali", u mhux il-liġi tal-Istat fis-sens tal-Artikolu 3 ta' dan il-protokoll, kif ipprovdut mill-Artikolu 4(2) tal-Protokoll. Għandi dubji jekk, fid-dawl tal-interpretazzjoni litterali, li fuqha huwa bbażat ir-raġunament tal-Kummissjoni, għandux f'dan il-każ jiġi eskluż l-Artikolu 3(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 u tiġi applikata, anki fejn il-kreditur ikun bidel il-post ta' residenza abitwali tiegħu, esklużivament il-liġi tal-Istat li fih il-kreditur ikollu r-residenza abitwali attwali tiegħu.

41. Sussidjarjament nosserva li fejn il-kreditur ma jkunx jista' jikseb benefiċċji ta' manteniment bis-saħħa tal-liġi msemmija fl-Artikolu 3 u fl-Artikolu 4(2) u (3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, l-Artikolu 4(4) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 jippermetti l-użu tal-liġi tal-Istat komuni għaċ-ċittadinanza tal-partijiet fil-pretensjonijiet ta' manteniment. Min-naħa tagħha din id-dispożizzjoni ma tispjegax kif wieħed għandu jipproċedi fejn il-kreditur jitlob manteniment għal perijodu li matulu d-debitur sempliċement kiseb ċittadinanza li l-kreditur kellu preċedentement. Inqas u inqas hemm risposta għad-domanda dwar jekk it-telf ta' ċittadinanza mid-debitur għandux ukoll effetti retroattivi, jiġifieri, li l-kreditur ma jkunx jista' jinvoka l-Artikolu 4(4) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, anki fir-rigward tal-perijodu li fih il-kreditur u d-debitur kellhom ċittadinanza komuni [17].

42. Ma ninsabx konvint li dan it-tip ta' problemi jistgħu jiġu solvuti billi jsir riferiment biss għal interpretazzjoni litterali.

43. Id-dubji fir-rigward tal-argumenti tal-Kummissjoni li jirreferu għal interpretazzjoni litterali jsiru wisq iżjed iġġustifikati meta jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-aċċettazzjoni tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni tista' tagħti lok għas-sitwazzjoni fejn il-benefiċċji ta' manteniment għal perijodu retroattiv tiġi evalwata fir-rigward ta' liġi li, f'dan il-perijodu, bħala prinċipju ma tkunx applikabbli bħala liġi għal dawn il-benefiċċji fuq il-bażi tar-regoli ta' kunflitt ta' liġi tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007. Din tista' tkun liġi li bl-ebda mod ma tkun relatata mas-sitwazzjoni ta' natura familjari tal-partijiet involuti fl-obbligu ta' manteniment għal dan il-perijodu. Dan ikun l-istess dritt għad-dispożizzjoni taż-żewġ partijiet involuti f'dan l-obbligu li dawn tal-aħħar ma kinux jistgħu jipprevedu f'dak iż-żmien.

44. Nixtieq nirrimarka li ċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali jidhru li jillustraw tali sitwazzjoni. Għalhekk ma hemm ebda indikazzjoni li tippermetti l-konstatazzjoni li, kieku l-minuri ma biddilx ir-residenza abitwali tiegħu u b'riżultat ta' dan l-avveniment il-qrati Awstrijaċi ma siltux ġurisdizzjoni f'dan ir-rigward [18], il-liġi Awstrijaka setgħet kienet applikabbli għall-perijodu mill-1 ta' Ġunju 2013 sas-27 ta' Mejju 2015 għall-evalwazzjoni tal-obbligi ta' manteniment dovuti mill-missier lill-minuri [19]. Lanqas ma jidher li l-liġi Awstrijaka setgħet kienet ġiet magħżula mill-partijiet bħala l-liġi applikabbli għat-tilwim dwar benefiċċji ta' manteniment [20].

45. Għalhekk inqis li huwa fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti li l-ewwel domanda preliminari għandha tiġi analizzata billi f'dan is-sens jittieħdu inkunsiderazzjoni metodi ta' interpretazzjoni minbarra l-metodu ta' interpretazzjoni litterali.

17 Jeħtieġ li fl-istess waqt jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-konstatazzjoni li l-kisba jew it-telf ta' ċittadinanza mid-debitur jew mill-kreditur tat lok għal effetti retroattivi jista' jwassal għal soluzzjonijiet mhux favorevoli għall-kreditur. Għalhekk, l-Artikolu 6 tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 jippermetti li d-debitur jikkontesta t-talba tal-kreditur fejn "ma hemmx" obbligi ta' manteniment la skont il-liġi tal-Istat ta' residenza abitwali tad-debitur u lanqas, jekk id-debitur u l-kreditur ikollhom ċittadinanza komuni, skont il-liġi tal-Istat taċ-ċittadinanza komuni tagħhom. Jekk bidla fiċ-ċirkustanzi li bl-għajnuna tagħhom tiġi ddeterminata waħda mil-liġijiet applikabbli msemmija f'din id-dispożizzjoni tkun tagħti wkoll lok għal effetti retroattivi, id-debitur, billi jbiddel ir-residenza abitwali jew iċ-ċittadinanza, ikun jista' jasal iwaqqaf il-pretensjonijiet tal-kreditur anki fir-rigward tal-perijodu li jippreċedi dawn il-bidliet.

18 Sussidjarjament, nenfasizza wkoll li l-qorti tar-rinviju tindika, permezz tat-talba tagħha tat-18 ta' Mejju 2015, li l-kreditur ressaq proċeduri dwar benefiċċji ta' manteniment quddiem qorti Awstrijaka, filwaqt li huwa kellu r-residenza abitwali tiegħu f'dan l-Istat mit-28 ta' Mejju 2015. Għalhekk ma huwiex paċifiku liema hija l-bażi li fuqha l-qorti Awstrijaka siltet il-ġurisdizzjoni internazzjonali tagħha sabiex tieħu konjizzjoni tal-każ. Madankollu, din iċ-ċirkustanza għandha importanza limitata fir-rigward ta' dawn il-proċeduri, inkwantu huwa biss permezz ta' talba tat-18 ta' Mejju 2016, jiġifieri wara l-bidla fir-residenza abitwali, li l-kreditur estenda l-portata tat-talba tiegħu għal benefiċċji ta' manteniment retroattivi, li huma s-suġġett taż-żewġ domandi preliminari. Għalhekk, fil-każ li l-kreditur ressaq proċeduri separati fir-rigward tal-benefiċċji ta' manteniment retroattivi, il-qrati Awstrijaki, fil-kapaċità tagħhom bħala qrati tal-Istat tar-residenza abitwali tal-kreditur, ikollhom mingħajr dubju ġurisdizzjoni biex jieħdu konjizzjoni ta' dan il-każ fuq il-bażi tal-Artikolu 3(a) tar-Regolament Nru 4/2009.

19 Ara l-punti 58 u 59 ta' dawn il-konklużjonijiet fejn ġew deskritti fil-qosor il-fatturi ta' rabta tar-regoli ta' kunflitt li jinsabu fil-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 li permezz tagħhom hija indikata l-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment.

20 Ara l-punt 60 ta' dawn il-konklużjonijiet fejn ġew diskussi r-regoli ta' kunflitt tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, li jippermettu li tiġi magħżula l-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment.

46. Għaldaqstant ma naħsibx li wieħed għandu jieqaf mal-analiżi tar-regoli ta' kunflitt ta' liġi tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni r-regoli ta' ġurisdizzjoni tar-Regolament Nru 4/2009. B'hekk huma effettivament jiddeterminaw il-qorti jew qrati ta' liema Stat li jisiltu ġurisdizzjoni sabiex jieħdu konjizzjoni ta' każ speċifiku. Għalhekk ir-regoli ta' ġurisdizzjoni indirettament jindikaw il-*legis fori* fis-sens tal-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007.

***b) Interpretazzjoni sistematika***

*1) Kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 fil-kuntest ta' regoli oħra previsti minn dan il-protokoll*

47. Fid-dawl tal-osservazzjonijiet magħmula fil-punti 39 sa 42 ta' dawn il-konklużjonijiet, jeħtieġ li jiġi indikat li fit-test tal-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 ma hemm ebda indikazzjoni li tippermetti konstatazzjoni inekwivoka dwar f'liema sitwazzjonijiet tista' tapplika tali dispożizzjoni. Indikazzjonijiet ta' dan it-tip jingħataw biss fl-analiżi tal-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 fid-dawl ta' dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-protokoll u tar-Regolament Nru 4/2009.

48. Minn naħa, l-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 ma japplikax jekk il-kreditur iressaq talba għal benefiċċji ta' manteniment quddiem qorti ta' Stat li fih id-debitur għandu r-residenza abitwali tiegħu. Sitwazzjonijiet bħal dawn jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007. Min-naħa l-oħra meta tilwima dwar manteniment isseħħ quddiem qrati tal-Istat fejn għandu r-residenza abitwali tiegħu l-kreditur, il-*legis fori* hija l-liġi tal-Istat fejn għandu r-residenza abitwali tiegħu l-kreditur u għalhekk, skont l-Artikolu 3(1) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, il-liġi essenzjalment applikabbli għall-obbligi ta' manteniment. Għalhekk, f'dawn il-każijiet ma tirriżultax l-applikazzjoni sussidjarja tal-*legis fori* fuq il-bażi tal-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007.

49. Dan ifisser li l-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 għandu kamp ta' applikazzjoni relattivament ristrett. Din id-dispożizzjoni tista' tirriżulta meta tilwima dwar obbligi ta' manteniment tinstema' quddiem qorti ta' Stat minbarra l-Istat li fih għandu r-residenza abitwali tiegħu sew id-debitur (fejn hawnhekk ikun applikabbli l-Artikolu 4(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007) jew il-kreditur (fejn hawnhekk l-applikazzjoni tal-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 ma tkunx xierqa jekk il-*legis fori* tkun il-liġi tal-Istat li fih għandu r-residenza abitwali tiegħu l-kreditur).

*2) Kwistjonijiet marbuta mar-regoli ta' ġurisdizzjoni fir-Regolament Nru 4/2009*

50. F'tilwim dwar obbligi ta' manteniment il-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qrati hija ddeterminata mir-regoli ta' ġurisdizzjoni li jinsabu fir-Regolament Nru 4/2009.

51. L-Artikolu 3(a) u (b) tar-Regolament Nru 4/2009 jipprevedi l-ġurisdizzjoni tal-qorti jew qrati tar-residenza abitwali tal-konvenut, indipendentement minn jekk il-konvenut huwiex il-kreditur jew id-debitur, kif ukoll il-qorti tar-residenza abitwali tal-kreditur. Fil-fatt, il-qrati ta' dawn l-Istati huma fl-aqwa pożizzjoni għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-ħtiġijiet tal-kreditur u r-riżorsi tad-debitur, konformement mal-Artikolu 14 tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007.

52. Minbarra l-qrati tal-Istat li fih għandha r-residenza abitwali tagħha waħda mill-partijiet għall-obbligi ta' manteniment, l-Artikolu 3(ċ) u (d) tar-Regolament Nru 4/2009 jipprevedi l-possibbiltà ta' smigħ ta' tilwim dwar obbligi ta' manteniment quddiem qrati li skont il-liġi applikabbli fl-Istati fejn jinsabu għandhom ġurisdizzjoni biex jieħdu konjizzjoni fi proċeduri, rispettivament, dwar l-istatus tal-persuni jew dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri "jekk il-kwistjoni relatata ma' manteniment tkun anċillari għal dawk il-proċedimenti, sakemm dik il-ġurisdizzjoni ma tkunx ibbażata unikament fuq

iċ-ċittadinanza ta’ waħda mill-partijiet”[21].

53. Min-naħa tiegħu l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 4/2009 jipprevedi ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istat Membru li miegħu t-tilwima għandha “rabta suffiċjenti” fejn ebda qorti oħra tal-Istati Membri ma jkollha ġurisdizzjoni bis-saħħa tal-Artikoli 3, 4, 5 u 6 ta’ dan ir-regolament. Fil-premessa 16 tar-Regolament Nru 4/2009 huwa spjegat li r-rabta meħtieġa taħt l-Artikolu 7 ta’ dan ir-regolament tista’ tirriżulta meta waħda mill-partijiet ikollha ċ-ċittadinanza tal-Istat ta’ din il-qorti. Soluzzjoni simili hija prevista mill-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 4/2009. Meta l-ebda qorti ta’ Stat Membru ma jkollha ġurisdizzjoni skont l-Artikoli 3, 4 u 5 ta’ dan ir-regolament u ebda qorti ta’ Stat li jkun parti kontraenti mill-Konvenzjoni ta’ Lugano u li ma jkunx Stat Membru ma jkollha ġurisdizzjoni fuq il-bażi ta’ din il-konvenzjoni, għandu jkollhom ġurisdizzjoni l-qrati tal-Istat Membru taċ-ċittadinanza komuni taż-żewġ partijiet.

54. Taħt ir-Regolament Nru 4/2009 il-partijiet għandhom ċertament il-possibbiltà li jagħżlu l-qorti kompetenti sabiex tiddeċiedi tilwim dwar obbligi ta’ manteniment. Madankollu skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 4/2009 din l-għażla hija ta’ natura limitata u bħala prinċipju tirrigwarda l-qorti jew qrati tal-Istati Membri li b’xi mod għandhom rabta mal-kreditur jew mad-debitur.

55. Fil-każ tal-partijiet li jagħżlu l-qorti ma hemmx il-biża’ li, fuq il-bażi ta’ regoli ta’ kunflitt ta’ liġi applikabbli fl-Istat li fih tkun sedenti din il-qorti, tista’ tirriżulta liġi li l-applikazzjoni tagħha ma tkunx mistennija minn waħda mill-partijiet. Fil-fatt, meta l-kreditur u d-debitur jaqblu li l-konjizzjoni ta’ tilwim dwar obbligi ta’ manteniment għandha tiġi fdata lil qorti determinata, huma jaċċettaw fl-istess waqt il-possibbiltà li tiġi applikata l-liġi indikata bħala dik li hija xierqa mir-regoli ta’ kunflitt ta’ liġi fis-seħħ fl-Istat fejn hija sedenti din il-qorti. Dan l-istess argument jista’ jkun applikabbli fir-rigward tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 4/2009, dwar il-ġurisdizzjoni li tirriżulta mill-preżenza tal-konvenut quddiem il-qorti.

56. Konsegwentement inqis li r-regoli ta’ ġurisdizzjoni li jirriżultaw mir-Regolament Nru 4/2009 huma bbażati fuq is-suppożizzjoni li hemm rabta bejn il-benefiċċji ta’ manteniment inkunsiderazzjoni f’tilwima speċifika, u l-Istat li l-qorti tiegħu hija kompetenti għat-teħid ta’ konjizzjoni tagħha. Din ir-rabta għandha tkun minn tal-inqas qrib biżżejjed li tippermetti liż-żewġ partijiet fl-obbligi ta’ manteniment jipprevedu l-Istati li l-qrati tagħhom jistgħu jieħdu konjizzjoni ta’ tilwim dwar il-benefiċċji kkonċernati[22].

57. Dan ifisser li permezz tar-regoli ta’ ġurisdizzjoni tar-Regolament Nru 4/2009, il-liġi tal-Istat li fih tinsab il-qorti, li tista’ tiġi applikata fuq il-bażi tal-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta’ Den Haag tal-2007, hija l-liġi ta’ dak l-Istat li għandha rabta speċifika mal-benefiċċji ta’ manteniment mitluba fi proċedura partikolari.

21 F’dan it-tilwim il-ġurisdizzjoni hija ddeterminata fuq il-bażi tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta’ Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta’ sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta’ responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243). Fir-rigward tal-istatus tal-persuni (id-divorzju, is-separazzjoni legali u l-annullament taż-żwieġ) il-ġurisdizzjoni tal-qorti hija ddeterminata, skont l-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament Nru 2201/2003, fuq il-bażi ta’ kriterji li jieħdu inkunsiderazzjoni prinċipalment ir-residenza abitwali attwali jew preċedenti tal-konjuġi jew ta’ wieħed mill-konjuġi, filwaqt li skont il-premessa 12 tal-imsemmi regolament, fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri r-regoli ta’ ġurisdizzjoni huma maħsuba skont l-aħjar interessi tal-wild, b’mod partikolari, il-kriterju ta’ qrubija. Ara s-sentenza tas-16 ta’ Lulju 2015 A (C-184/14, EU:C:2015:479, punt 37). Il-kundizzjonijiet marbuta ma’ ġurisdizzjoni li fuqhom hija bbażata l-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qrati f’tilwim dwar divorzju, separazzjoni u annullament taż-żwieġ kif ukoll f’tilwim dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri għalhekk jirriflettu wkoll il-preżunzjoni li l-qrati li għandhom ġurisdizzjoni huma l-qrati ta’ dak l-Istat li fir-rigward tiegħu hemm ċertezza li huwa b’xi mod relatat mas-sitwazzjoni tal-għixien tal-partijiet.

22 Fil-punt 60 tar-rapport ta’ A. Bonomi jiġi spjegat li l-applikazzjoni tal-*legis fori* tippermetti lill-qorti kkonċernata tapplika l-liġi l-iktar magħrufa minnha, li mill-perspettiva tal-kreditur tfisser il-possibbiltà ta’ kisba ta’ deċiżjonijiet ġudizzjarji iktar malajr u li jinvolvu inqas spejjeż. Madankollu, kif tosserva wkoll il-Kummissjoni, dawn l-osservazzjonijiet ma jużawx l-istess ġustifikazzjoni tal-applikazzjoni tal-*legis fori* fiha nnifisha iżda l-prevalenza tar-rabta tal-post ta’ residenza abitwali komuni fuq ir-rabta ta’ ċittadinanza komuni tal-partijiet. Il-*legis fori* għandha l-vantaġġ fuq il-liġi tal-Istat komuni għaċ-ċittadinanza tal-partijiet peress li, hekk kif tosserva d-duttrina, hija tirrifletti iktar mill-qrib il-kundizzjonijiet ta’ għixien tal-partijiet fl-obbligi ta’ manteniment. Ara Walker, L. *Maintenance and Child Support in Private International Law*, Oxford – Portland, Hart Publishing 2015, p. 81.

*3) Kwistjonijiet marbuta mar-regoli ta' kunflitt ta' liġi tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007*

58. Skont l-Artikolu 3(1) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, il-liġi essenzjalment applikabbli għall-obbligi ta' manteniment hija l-liġi tal-Istat li fih il-kreditur għandu r-residenza abitwali tiegħu. Din hija l-liġi tal-Istat marbut mill-qrib mal-obbligu ta' manteniment inkwantu tieħu inkunsiderazzjoni b'mod partikolari l-kundizzjonijiet ta' għixien tal-kreditur fil-post fejn il-benefiċċji ta' manteniment iservu biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tiegħu. Nikkondividi l-pożizzjoni tal-Gvern Ġermaniż li jargumenta li l-Artikolu 3(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 juri wkoll li teżisti rabta bejn il-liġi applikabbli u s-sitwazzjoni li minnha jirriżulta d-dritt tal-kreditur għall-benefiċċji ta' manteniment. Ġaladarba l-kreditur ibiddel il-post ta' residenza abitwali tiegħu, fatturi li jkollhom effett fuq il-bżonnijiet tiegħu, li l-benefiċċji ta' manteniment ikunu jissodisfaw, ukoll ikunu suġġetti għal bidla. Permezz tal-Artikolu 3(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 bidla f'dawn il-fatturi hija riflessa fuq l-indikazzjoni tal-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment.

59. L-analiżi tal-Artikolu 4(3) u (4) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 tasal għal konklużjonijiet simili inkwantu jipprevedu rispettivament l-applikazzjoni tal-liġi tal-Istat tal-post ta' residenza abitwali tad-debitur u l-applikazzjoni tal-liġi personali komuni għall-kreditur u d-debitur (rabta ta' ċittadinanza). L-Istat li fih id-debitur għandu r-residenza abitwali tiegħu għandu rabta mas-sitwazzjoni tal-għixien tal-partijiet fl-obbligu ta' manteniment mill-inqas sa fejn dan jirrigwarda l-possibbiltà li d-debitur jissodisfa l-ħtiġijiet tal-kreditur. Min-naħa tal-liġi tal-Istat taċ-ċittadinanza komuni tal-partijiet, li dwarha jagħmel riferiment l-Artikolu 4(4) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, din ma għandhiex ikollha rabta mas-sitwazzjoni tal-għixien attwali tal-partijiet. Madankollu din għadha tiġi indikata bħala applikabbli fuq il-bażi ta' ċerti ċirkustanzi stabbiliti li hija ġeneralment magħrufa miż-żewġ partijiet fl-obbligu ta' manteniment u li hija marbuta mas-sitwazzjoni familjari tagħhom.

60. Barra minn hekk din l-għażla tal-liġi applikabbli fuq il-bażi tal-Artikolu 8 tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 hija limitata għal-liġi tal-Istati li b'ċertu mod huma marbuta mas-sitwazzjoni familjari tal-partijiet fl-obbligu ta' manteniment[23]. Madankollu fl-eventwalità tal-għażla tal-liġi applikabbli ma jkunx hemm il-biża' li l-liġi applikabbli tkun liġi li l-applikazzjoni tagħha l-partijiet ma setgħux jipprevedu. Għalhekk fil-każ ta' għażla tal-liġi applikabbli din ir-rabta ma għandhiex tkun daqstant b'saħħitha bħal dik li fuqha huma bbażati r-regoli ta' kunflitt ta' liġi msemmija fl-Artikoli 3 u 4 tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007.

61. Għalhekk l-interpretazzjoni sistematika tar-regoli ta' kunflitt ta' liġi li jinsabu fil-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 twassal għall-konklużjoni li, similarment għar-regoli ta' ġurisdizzjoni tar-Regolament Nru 4/2009, dawn huma bbażati fuq il-premessa li l-liġi applikabbli għall-għoti ta' manteniment għandha tkun indikata bħala applikabbli bl-għajnuna ta' elementi li b'ċertu mod huma marbuta mas-sitwazzjoni fattwali li magħha huma relatati l-benefiċċji ta' manteniment, b'tali mod li l-applikazzjoni ta' din il-liġi tkun prevedibbli għall-partijiet fl-obbligu ta' manteniment inkwistjoni.

23 F'ċirkustanzi bħal dawk tal-proċeduri quddiem il-qorti tar-rinviju, l-għażla tal-liġi applikabbli ċertament tkun tqiegħdet inkwistjoni mill-Artikolu 8(3) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 li jeskludi l-possibbiltà ta' għażla ta' liġi għall-"obbligi ta' manteniment fir-rigward ta' persuna taħt l-età ta' 18-il sena". Il-possibbiltà ta' għażla tal-*legis fori* bħala liġi applikabbli għall-ħtiġijiet ta' proċeduri speċifiċi, prevista fl-Artikolu 7 tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 hija limitata, min-naħa tagħha, mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 4/2009 li fuq il-bażi tagħhom huma identifikati l-qrati li għandhom ġurisdizzjoni għal proċedimenti speċifiċi. Sussidjarjament, nenfasizza li fuq il-bażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 4/2009, qorti ta' kull Stat Membru jista' jkollha ġurisdizzjoni jekk il-konvenut jidher quddiem tali qorti. Għandi dubji dwar liema effetti l-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istati Membri jkollha fuq il-livell ta' kunflitt ta' liġi, li kieku l-liġi ta' dan l-Istat Membru kellha sussegwentement tiġi applikata fuq il-bażi tal-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007. Nosserva wkoll li, f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, il-preżenza tal-konvenut u l-applikazzjoni sussegwenti tal-*legis fori* skont l-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 b'ċertu mod tkun kuntrarja għall-projbizzjoni tal-għażla tal-liġi applikabbli msemmija fl-Artikolu 8(3) ta' dan il-protokoll.

### *c) Interpretazzjoni teleoloġika*

62. Sussegwentement jeħtieġ għaldaqstant li tingħata risposta għall-kwistjoni dwar jekk l-applikazzjoni tal-liġi tal-Istat li ma huwiex marbut b'mod importanti mas-sitwazzjoni fattwali li għaliha jirreferu l-benefiċċji ta' manteniment ikkonċernati tikkontradixxix l-għan imfittex mir-regoli ta' ġurisdizzjoni u ta' kunflitt ta' liġi li japplikaw għall-obbligi ta' manteniment.

*1) Il-faċilitazzjoni ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja bħala għan tar-regoli ta' ġurisdizzjoni tar-Regolament Nru 4/2009*

63. Fid-dawl tal-premessa 15 tar-Regolament Nru 4/2009, ir-regoli ta' ġurisdizzjoni ta' dan ir-regolament kellhom bħala għan li jadattaw ir-regoli tas-sistema ta' Brussell sabiex jipproteġu l-interessi tal-kredituri tal-manteniment u jiffaċilitaw l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea.

64. Fis-sentenza Sanders u Huber [24], il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni tispeċifika li l-għan ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja ma għandux jinftiehem biss mill-perspettiva ta' ottimizzazzjoni tal-organizzazzjoni ġudizzjarja, iżda wkoll fid-dawl tal-interess tal-partijiet, kemm fir-rigward tal-applikant kif ukoll fir-rigward tal-konvenut, li għandhom ikollhom il-possibbiltà li jibbenefikaw, b'mod partikolari, minn aċċess iffaċilitat għall-ġustizzja u minn prevedibbiltà tar-regoli ta' ġurisdizzjoni.

65. F'dan ir-rigward, il-pożizzjoni espressa mill-Avukat Ġenerali Jääskinen f'silta mill-konklużjonijiet tiegħu li għaliha rreferiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-silta mis-sentenza ċċitata iktar 'il fuq, hija iktar u iktar ċara. Fil-fatt dan l-Avukat Ġenerali osserva li l-ħtieġa li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-interessi tal-partijiet fil-proċedura tirrikjedi li tiġi żgurata prevedibbiltà tal-ġurisdizzjoni permezz tal-istabbiliment ta' rabta stretta bejn il-qorti u t-tilwima [25].

66. Fis-sentenza A [26], il-Qorti tal-Ġustizzja indikat ukoll indirettament il-ħtieġa ta' rabta bejn is-sitwazzjoni fattwali wara t-tilwima dwar obbligi ta' manteniment u d-determinazzjoni tal-ġurisdizzjoni. Fid-deċiżjoni dwar jekk il-kwistjoni dwar obbligi ta' manteniment lejn minuri għandhiex tiġi eżaminata minn qorti ta' Stat Membru li tieħu konjizzjoni ta' proċeduri dwar separazzjoni jew ix-xoljiment taż-żwieġ tal-ġenituri ta' dan il-minuri jew quddiem qorti ta' Stat Membru ieħor li tieħu konjizzjoni ta' proċeduri dwar responsabbiltà parentali lejn dan il-minuri, il-Qorti tal-Ġustizzja għażlet din it-tieni possibbiltà. Fost ir-raġunijiet li jiġġustifikaw din il-pożizzjoni l-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-qorti li tkun qed tiddeċiedi dwar responsabbiltà tal-ġenituri fir-rigward tal-minuri jkollha għarfien aħjar ta' liema huma ċ-ċirkustanzi rilevanti għall-evalwazzjoni tat-talba tiegħu għall-benefiċċji ta' manteniment [27].

67. Ir-regoli dwar ġurisdizzjoni li jinsabu fir-Regolament Nru 4/2009, anki fid-dawl tal-konklużjonijiet li jirriżultaw minn interpretazzjoni teleoloġika, jidhru li huma bbażati fuq il-premessa li kwistjoni dwar benefiċċji ta' manteniment għandha tkun eżaminata mill-qorti jew qrati ta' dak l-Istat li fih il-kwistjoni kkonċernata turi rabta tali li tkun tippermetti lill-ġurisdizzjoni internazzjonali tkun prevedibbli għall-partijiet fl-obbligi ta' manteniment.

24 Sentenza tat-18 ta' Diċembru 2014 (C-400/13 u C-408/13, EU:C:2014:2461, punt 29).

25 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jääskinen fil-kawżi magħquda Sanders u Huber (C-400/13 u C-408/13, EU:C:2014:2171, punt 69).

26 Sentenza tas-16 ta' Lulju 2015 (C-184/14, EU:C:2015:479).

27 Sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, A (C-184/14, EU:C:2015:479, punt 44).

*2) L-għan tar-regoli ta' kunflitt ta' liġi tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007*

68. Wieħed mill-għanijiet fundamentali tar-regoli ta' kunflitt ta' liġi huwa l-garanzija tal-prevedibbiltà tal-liġi applikabbli għall-evalwazzjoni ta' sitwazzjoni fattwali speċifika. Għaldaqstant, dawn ir-regoli jistgħu jissodisfaw din il-funzjoni b'mod partikolari fejn il-liġi ta' Stat speċifiku tiġi indikata bħala applikabbli bl-għajnuna ta' ċirkustanzi li b'xi mod ikunu konnessi mas-sitwazzjoni fattwali.

69. Madankollu t-titolu tal-Artikolu 4 tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 ma jħallix dubji fir-rigward tar-rwol ta' din id-dispożizzjoni fis-sistema ta' regoli ta' kunflitt ta' liġi li jinsabu fil-Protokoll. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni ġiet intitolata "[r]egoli speċjali li jiffavorixxu lil ċerti kredituri". Din issib applikazzjoni biss fir-rigward ta' xi wħud mill-obbligi ta' manteniment[28], inklużi l-pretensjonijiet ta' obbligi tal-ġenituri fil-konfront tat-tfal. Għalhekk l-għan tal-Artikolu 4 tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 indubbjament kien li jiggarantixxi lil ċerti kredituri l-possibbiltà li jiksbu benefiċċji ta' manteniment, minkejja li l-liġi applikabbli bħala prinċipju għall-evalwazzjoni ta' dawn il-benefiċċji ma tipprevedix dan.

70. Madankollu ċerti dispożizzjonijiet tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 kjarament juru intenzjoni li jinżamm l-ekwilibriju bejn l-interessi tal-partijiet ikkonċernati mill-obbligi ta' manteniment. Għalkemm dawn ir-regoli essenzjalment ma jirrigwardawx benefiċċji ta' manteniment dovuti lit-tfal mill-ġenituri, madankollu dawn japplikaw fir-rigward ta' kredituri privileġġati oħra, imsemmija mill-Artikolu 4(1) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007. L-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(2) tal-Protokoll tal-2007 meħuda inkunsiderazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja għandha tapplika wkoll għal dawn il-każijiet. Għaldaqstant ma nemminx li fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(2) ta' dan il-protokoll għandu jittieħed inkunsiderazzjoni biss il-kuntest tal-kawża prinċipali.

71. Pereżempju l-Artikolu 6 tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 jippermetti lid-debitur jikkontesta t-talba tal-kreditur fejn l-obbligi ta' manteniment ma jeżistux la fil-liġi tal-Istat ta' residenza abitwali tad-debitur, u lanqas fil-liġi tal-Istat taċ-ċittadinanza komuni tal-partijiet, jekk ikun hemm. Min-naħa tiegħu l-Artikolu 8(5) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 jipprevedi li l-liġi magħżula ma tapplikax jekk l-applikazzjoni tagħha tkun tista' twassal effettivament għal konsegwenzi inġusti jew irraġonevoli għal waħda mill-partijiet, dejjem sa fejn fil-mument tal-għażla tal-liġi l-partijiet ġew informati bis-sħiħ u huma konxji tal-konsegwenzi tal-għażla tagħhom.

72. Għaldaqstant ma naħsibx li l-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 jistrieħ fuq is-suppożizzjoni li fi kwalunkwe każ allegatament għandu jiġi pprivileġġat il-kreditur tal-manteniment fil-konfront tad-debitur, irrispettivament mill-effetti ta' tali azzjoni. Għal din ir-raġuni, il-pożizzjoni tal-Kummissjoni ma tidhirx li hija ġġustifikata fid-dawl ta' interpretazzjoni teleoloġika.

***d) Interpretazzjoni storika***

73. L-argumenti favur il-ħtieġa li jkun hemm relazzjoni bejn is-sitwazzjoni tal-għixien u l-liġi applikabbli fir-rigward tagħha huma ssostanzjati wkoll mill-materjal leġiżlattiv li jirrigwarda r-Regolament Nru 4/2009.

28 Ara l-Artikolu 4(1)(a) sa (c) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007.

74. Wieħed mill-għanijiet li jridu jintlaħqu mix-xogħlijiet imwettqa b'rabta mar-Regolament Nru 4/2009 kien, minbarra s-semplifikazzjoni tal-ħajja taċ-ċittadini u li tiġi żgurata l-effettività tal-eżekuzzjoni tal-benefiċċji ta' manteniment, li tiġi msaħħa ċ-ċertezza legali[29]. Huwa mistenni li r-regoli ta' kunflitt ta' liġi għandhom ikunu mfassla b'mod li l-qrati jiddeċiedu fuq il-bażi ta' dispożizzjonijiet tad-dritt sostantiv, li jkollhom "rabtiet mill-aktar stretti ma' l-affari", u mhux "bl-applikazzjoni ta' liġi nieqsa minn rabta suffiċjenti mas-sitwazzjoni tal-familja inkwistjoni"[30].

75. Din il-premessa kienet riflessa fil-Proposta għal Regolament Nru 4/2009 li, kważi sa tmiem il-ħidma leġiżlattiva, kienet tinkludi regoli ta' kunflitt ta' liġi li jirreferu għall-idea ta' rabta mill-qrib bejn sitwazzjoni fattwali speċifika u l-Istat li l-liġi tiegħu hija applikabbli għall-evalwazzjoni tagħha[31].

76. Għandu jingħad li finalment ma ġewx inklużi r-regoli ta' kunflitt ta' liġi fir-Regolament Nru 4/2009 nnifsu u ġie deċiż li dawn jiġu armonizzati bl-użu ta' strument ta' ftehim. Madankollu ma nqisx li l-leġiżlatur tal-Unjoni mar lura fuq il-premessi inizjali tiegħu u li ddeċieda li jintegra l-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 fis-sistema ta' regoli ta' kunflitt ta' liġi tal-Unjoni, minkejja l-fatt li l-Protokoll ma huwiex ibbażat fuq il-premessa ta' ħtieġa ta' rabta bejn is-sitwazzjoni fattwali li minnha l-kreditur jislet id-dritt tiegħu għal benefiċċji ta' manteniment u l-Istat li l-liġi tiegħu hija applikabbli għall-evalwazzjoni tagħha. Il-leġiżlatur tal-Unjoni iddeċieda pjuttost li l-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 jissodisfa dawn l-aspettattivi. Fil-fatt fil-punt 22 ta' dawn il-konklużjonijiet spjegajt li r-raġuni prinċipali li wasslet lil-leġiżlatur tal-Unjoni jirrikorri għal strument ta' ftehim kienet marbuta mad-diffikultajiet fin-negozjati u mal-adozzjoni ta' regolament li jkopri regoli ta' kunflitt ta' liġi relatati mal-obbligi ta' manteniment.

***e) Konklużjonijiet dwar l-ewwel domanda preliminari***

77. Fid-dawl tal-argumenti magħmula iktar 'il fuq, b'riferiment għar-riżultati insodisfaċenti tal-użu ta' interpretazzjoni litterali u b'teħid inkunsiderazzjoni tal-konklużjonijiet univoċi li jirriżultaw minn interpretazzjoni sistematika (sostnuta minn interpretazzjoni storika) liema konklużjonijiet ma humiex ikkontestati mill-interpretazzjoni teleoloġika, inqis li r-regoli ta' kunflitt tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 huma bbażati fuq il-premessa li l-liġi applikabbli għall-evalwazzjoni tal-benefiċċji ta' manteniment għandha tkun il-liġi tal-Istat li għandu rabta mas-sitwazzjoni fattwali li magħha huwa relatat il-benefiċċju minn tal-inqas fuq livell fejn il-kreditur u d-debitur ikollhom aspettattivi li din il-liġi tkun applikabbli għall-obbligi ta' manteniment.

78. Peress li l-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 jipprevedi applikazzjoni sussidjarja tal-*legis fori*, din għandha tkun il-liġi tal-Istat li għandha jew li, fir-rigward ta' benefiċċji ta' manteniment retroattivi mitluba wara l-bidla fir-residenza abitwali tal-kreditur, kellha, rabta mas-sitwazzjoni fattwali li minnha l-kreditur jislet id-dritt tiegħu għall-benefiċċji ta' manteniment. Tista' taspira għal dan ir-rwol il-liġi tal-Istat li l-qrati tiegħu kienu kompetenti biex jieħdu konjizzjoni ta' tilwim dwar benefiċċji ta' manteniment għall-perijodu marbut ma' dawn il-benefiċċji.

79. Jekk jitqies li permezz tas-sempliċi determinazzjoni tal-ligi applikabbli billi tiġi speċifikata bħala "*legis fori*" ma tiġix iddeterminata direttament l-eżistenza ta' rabta bejn din il-liġi u sitwazzjoni fattwali speċifika, din il-ħtieġa tal-eżistenza ta' din ir-rabta tista' tirriżulta minn applikazzjoni tar-regoli ta' ġurisdizzjoni tar-Regolament Nru 4/2009. Kif ġie sostnut, min-naħa tagħhom dawn ir-regoli ta' ġurisdizzjoni huma bbażati fuq il-premessa li t-tilwim dwar benefiċċji ta' manteniment jinstema' quddiem il-qrati tal-pajjiż li għandu rabta ma' dawn il-benefiċċji ta' manteniment.

29 Espożizzjoni tal-motivi tal-Proposta għal Regolament Nru 4/2009 (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 10), punt 1.2.2, p. 5.

30 Espożizzjoni tal-motivi tal-Proposta għal Regolament Nru 4/2009, punt 1.2.2, p. 6.

31 Mingħajr ma nsemmi hawnhekk id-destin ulterjuri tar-regoli ta' kunflitt ta' liġi li kellhom jirriżultaw fir-Regolament ser nillimita ruħi nfakkar l-Artikolu 13(3) tal-Proposta għal Regolament Nru 4/2009. Din id-dispożizzjoni kienet tipprevedi applikazzjoni sussidjarja tal-liġi tal-Istat marbut mill-qrib mal-obbligi ta' manteniment jekk bis-saħħa tal-liġijiet indikati konformement ma' regoli ta' kunflitt ta' liġi oħrajn kreditur ma jkunx jista' jikseb benefiċċji ta' manteniment mingħand id-debitur.

80. F'dan is-sens, l-ewwel nett, għandha tkun applikabbli l-liġi li hija l-eqreb għas-sitwazzjoni tal-għixien li fiha l-benefiċċji ta' manteniment kellhom iservu sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-kreditur. Għaldaqstant din tirrifletti l-iktar fedelment iċ-ċirkustanzi sinjifikanti fil-kuntest tal-obbligu ta' manteniment b'mod partikolari l-kundizzjonijiet ta' ħajja tal-kreditur u l-bżonnijiet li jirriżultaw f'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-riżorsi tad-debitur innifsu jew, b'mod iktar ġenerali, is-sitwazzjoni familjari tal-partijiet f'tali obbligu ta' manteniment. L-evalwazzjoni tal-fondatezza tat-talba għal benefiċċji ta' manteniment retroattivi għandha, bħala regola ġenerali, issir b'mod hekk imsejjaħ retrospettiv fir-rigward taċ-ċirkustanzi tal-mument li fih il-benefiċċji ta' manteniment kellhom iservu sabiex jissodisfaw il-bżonnijiet tal-kreditur. Madankollu, f'dan ir-rigward, jekk dan huwiex il-każ jiġi deċiż b'mod definittiv mil-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment u mid-dispożizzjonijiet proċedurali tal-qorti adita.

81. It-tieni nett, permezz ta' dan, ir-regoli ta' kunflitt ta' liġi jilħqu l-għan essenzjali tagħhom li hu li tiġi żgurata l-prevedibbiltà tal-liġi applikabbli għall-evalwazzjoni ta' sitwazzjoni fattwali speċifika.

82. B'teħid inkunsiderazzjoni ta' dan, nipproponi li, billi jittieħed kont tas-suġġeriment tiegħi intiż sabiex tiġi rriformulata l-ewwel domanda preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti r-risposta li ġejja: l-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-*legis fori* għandha tapplika meta l-kreditur jitlob manteniment mingħand id-debitur għal perijodu preċedenti, sa fejn 1) dan il-kreditur ippreżenta l-azzjoni tiegħu għal manteniment fi Stat minbarra dak tar-residenza abitwali tad-debitur; 2) il-kreditur ma jistax jikseb benefiċċji ta' manteniment mingħand id-debitur skont il-liġi tal-Istat ta' residenza abitwali tiegħu, indikata bħala applikabbli taħt l-Artikolu 3(1) u (2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007; 3) il-*legis fori* tikkorrispondi għal-liġi tal-Istat li l-qrati tiegħu kellhom ġurisdizzjoni għall-finijiet ta' teħid ta' konjizzjoni tat-tilwima dwar benefiċċji ta' manteniment matul il-perijodu relatat magħhom. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tistabbilixxi dawn iċ-ċirkustanzi.

## D. Fuq it-tieni domanda preliminari

83. Permezz tat-tieni domanda preliminari tagħha, ifformulata fil-każ fejn il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tagħti risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju tkun tixtieq tiddetermina l-mod li bih għandu jiġi interpretat l-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 sa fejn din id-dispożizzjoni tipprevedi li l-*legis fori* għandha tapplika jekk il-kreditur "ma jkunx jista', minħabba fil-liġi msemmija fl-Artikolu 3 [ta' dan il-protokoll], jikseb manteniment mingħand id-debitur".

84. Il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin jistgħu jirriżultaw rilevanti għall-qorti tar-rinviju, fil-każ fejn il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tagħti risposta għat-tieni domanda preliminari.

85. Fil-kuntest tat-tieni domanda preliminari l-qorti tar-rinviju tindika li mill-perspettiva tad-dritt Ġermaniż ma huwiex aċċettabbli li l-qorti tippermetti benefiċċji ta' manteniment għal perijodu li jippreċedi t-talba għalihom. L-Artikolu 1613 BGB jiddetermina l-eċċezzjonijiet għal dan. Fil-paragrafu 1 ta' dawn l-eċċezzjonijiet hemm sitwazzjonijiet fejn id-debitur ikun ġie intimat jipprovdi informazzjoni dwar id-dħul u l-assi tiegħu għal skopijiet ta' pretensjonijiet ta' manteniment, jew dwar jekk humiex pendenti ħlasijiet jew tilwim minħabba pretensjonijiet ta' manteniment. F'dan il-kuntest il-qorti tar-rinviju tippreċiża li l-pretensjonijiet ta' manteniment inkwistjoni fil-kawża prinċipali jirriżultaw iżda l-kreditur ma intimax lid-debitur b'mod li d-debitur ikollu jħallas.

86. B'riferiment għar-rapport ta' A. Bonomi, il-Gvern Ġermaniż u l-Kummissjoni jadottaw pożizzjoni komuni f'dan ir-rigward u jesprimu ruħhom favur interpretazzjoni wiesgħa tal-premessi ta' nuqqas ta' possibbiltà għall-kisba ta' manteniment imsemmija fl-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007.

87. Fil-punt 61 tar-rapport ta' A. Bonomi huwa spjegat li l-formulazzjoni "ma jkunx jista' […] jikseb manteniment mingħand id-debitur" tinkludi mhux biss sitwazzjonijiet fejn il-liġi normalment applikabbli ma tipprovdi ebda benefiċċju ta' manteniment, iżda wkoll sitwazzjonijiet fejn in-nuqqas ta' possibbiltà li jinkisbu dawn il-benefiċċji jirriżulta min-nuqqas ta' osservanza ta' rekwiżiti legali. F'dan ir-rapport dan huwa spjegat b'eżempju li jirreferi għad-dispożizzjoni li tipprevedi l-iskadenza ta' obbligu ta' manteniment wara li l-minuri jagħlaq 18-il sena.

88. Jeħtieġ li jiġi osservat li l-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 jikkorrispondi mar-regoli tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1973[32]. L-Artikolu 6 ta' din il-konvenzjoni kien jippermetti wkoll l-applikazzjoni tal-*legis fori* fejn il-kreditur ma kienx jista' jikseb benefiċċji ta' manteniment mid-debitur fuq il-bażi tal-liġi tal-Istat ta' residenza abitwali tal-kreditur jew tal-liġi tal-Istat ta' ċittadinanza komuni għall-partijiet.

89. Fil-preambolu tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 jsir barra minn hekk riferiment għall-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1973. Mill-inqas sa ċertu punt id-dispożizzjonijiet ta' din il-konvenzjoni kellhom għaldaqstant iservu bħala ispirazzjoni għar-regoli tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007.

90. Fil-punt 145 tar-rapport ta' spjega dwar il-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1973 imfassal minn M. Verwilghen[33], huwa indikat li skont l-Artikolu 6 ta' din il-konvenzjoni n-nuqqas ta' konformità ma' wieħed mir-rekwiżiti legali previsti mil-liġi applikabbli kien jippermetti l-applikazzjoni tal-*legis fori*. Din ir-rimarka ġenerali kienet tinkludi eżempju li jirreferi għal dispożizzjoni tal-liġi applikabbli li ma tipprevedix obbligi ta' manteniment bejn partijiet f'relazzjoni ta' adozzjoni, sa fejn il-persuna adottata ma tkunx kisret ir-rabtiet tagħha mal-familja bijoloġika tagħha.

91. Kemm ir-rapport ta' A. Bonomi kif ukoll dak ta' M. Verwilghen jaċċettaw li n-nuqqas ta' konformità ma' rekwiżit legali li għalih hija suġġetta l-possibbiltà effettiva li jintalbu benefiċċji ta' manteniment mingħand id-debitur tippermetti l-applikazzjoni tal-*legis fori* għall-finijiet tal-obbligi ta' manteniment.

92. Fl-istess waqt, interpretazzjoni wiesgħa tar-rekwiżit li kreditur "ma jkunx jista' […] jikseb manteniment mingħand id-debitur" tirrifletti r-*ratio legis* tal-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007, li huwa li jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn il-kreditur li jaqa' taħt waħda mill-kategoriji msemmija fil-paragrafu 1 ta' din id-dispożizzjoni ma jkunx f'pożizzjoni li jikseb mezzi ta' sussistenza.

93. Fil-kawża prinċipali n-nuqqas ta' possibbiltà li jinkisbu benefiċċji ta' manteniment taħt id-dritt Ġermaniż jirriżulta min-nuqqas ta' teħid ta' azzjoni speċifika mill-kreditur li tikkostitwixxi rekwiżit legali għat-talba ta' dawn il-benefiċċji b'mod retroattiv. Madankollu, xejn ma jindika li l-każ ta' aġir passiv tal-kreditur ma huwiex kopert mill-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 hekk biex sa ċertu punt jiġi ssanzjonat in-nuqqas ta' azzjonijiet speċifiċi mill-kreditur konformement mal-liġi ġeneralment applikabbli għall-obbligi ta' manteniment.

94. Barra minn hekk l-adozzjoni ta' interpretazzjoni wiesgħa tar-rekwiżit ta' nuqqas ta' possibbiltà ta' kisba ta' benefiċċji ta' manteniment imsemmi fl-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 diffiċilment tista' titqies bħala turija ta' privileġġ eċċessiv tal-kreditur. Jeżistu żewġ argumenti favur din il-pożizzjoni.

32 Konvenzjoni ta' Den Haag tat-2 ta' Ottubru 1973 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment (iktar 'il quddiem, il-"Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1973"), disponibbli fil-verżjoni elettronika: https://www.hcch.net/en/instruments/conventions/full-text/?cid=86.

33 Verwilghen, M., *Rapport explicatif sur les Conventions-Obligations alimentaires de 1973*, Actes et documents de la Douzième session de la Conférence de La Haye (1972), t. IV, Obligations alimentaires, p. 384-465, disponibbli ukoll fil-verżjoni elettronika bil-Franċiż u bl-Ingliż https://www.hcch.net/en/publications-and-studies/details4/?pid=2946

95. L-ewwel nett, f'dan ir-rigward iż-żamma ta' bilanċ bejn l-interessi taż-żewġ partijiet huwa possibbli permezz tal-Artikolu 6 tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007. Din id-dispożizzjoni tippermetti li tiġi kkontestata pretensjoni tal-kreditur fil-każ fejn l-obbligu ta' manteniment, minbarra l-obbligu lejn it-tfal li jirriżulta mir-relazzjoni bejn ġenituri u tfal [34], "ma jeżistix" la skont il-liġi tal-Istat ta' residenza abitwali tad-debitur u lanqas skont il-liġi tal-Istat komuni għaċ-ċittadinanza tal-partijiet, jekk ikun hemm waħda. Minkejja l-istruttura kategorika ta' din id-dispożizzjoni li tidher li tirreferi għall-każijiet ta' "ineżistenza" ta' obbligi ta' manteniment, il-punt 108 tar-rapport ta' A. Bonomi jippreċiża li dan ir-rekwiżit għandu jinftiehem fl-istess sens bħal dak li jirriżulta mill-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007. Peress li r-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 għandu jiġi interpretat b'mod estensiv, f'dan l-istess sens għandha tingħata interpretazzjoni wiesgħa tal-Artikolu 6 ta' dan il-protokoll.

96. It-tieni nett, ir-risposta li pproponejt fl-ewwel domanda preliminari tillimita wkoll il-possibbiltà ta' abbuż ta' interpretazzjoni wiesgħa tal-premessi dwar nuqqas ta' possibbiltà ta' kisba ta' benefiċċji ta' manteniment mid-debitur. L-azzjonijiet adottati mill-kreditur hekk sabiex tiġi ddeterminata l-ġurisdizzjoni tal-qorti jew tal-qrati ta' Stat speċifiku għal dan il-għan sabiex sussegwentement tiġi applikata l-liġi ta' dak l-Istat fuq il-bażi tal-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 madankollu ma jipproduċux l-effett mixtieq jekk il-qrati kkonċernati ma kellhomx ġurisdizzjoni sa dak il-mument biex jieħdu konjizzjoni tat-tilwima kkonċernata.

97. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet magħmula iktar 'il fuq nipproponi li, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposta għat-tieni domanda preliminari, hija tagħti r-risposta li ġejja għal din id-domanda: l-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-espressjoni "ma jkunx jista' [...] jikseb manteniment" li tinsab f'din id-dispożizzjoni tirreferi wkoll għall-każijiet fejn id-dritt tal-post ta' residenza preċedenti tal-kreditur ma jipprevedix il-possibbiltà effettiva li jinkiseb kreditu ta' manteniment b'mod retroattiv sempliċement għaliex ċerti kundizzjonijiet legali, bħal dawk previsti fl-Artikolu 1613(1) BGB, ma jkunux issodisfatti.

## VI. Konklużjonijiet

98. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti r-risposti li ġejjin għad-domandi preliminari magħmula mill-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija):

1) L-Artikolu 4(2) tal-Protokoll dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment, anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/941/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Protokoll tal-Aja tat-23 ta' Novembru 2007 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Obbligi ta' Manteniment, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-*legis fori* għandha tapplika meta l-kreditur jitlob manteniment mingħand id-debitur għal perijodu preċedenti, sa fejn 1) dan il-kreditur ippreżenta l-azzjoni tiegħu għal manteniment fi Stat minbarra dak tar-residenza abitwali tad-debitur; 2) il-kreditur ma jistax jikseb benefiċċji ta' manteniment mingħand id-debitur skont il-liġi tal-Istat ta' residenza abitwali tiegħu, indikata bħala applikabbli taħt l-Artikolu 3(1) u (2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007; 3) il-*legis fori* tikkorrispondi għal-liġi tal-Istat li l-qrati tiegħu kellhom ġurisdizzjoni għall-finijiet ta' teħid ta' konjizzjoni tat-tilwima dwar benefiċċji ta' manteniment matul il-perijodu relatat magħhom. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tistabbilixxi dawn iċ-ċirkustanzi.

34 L-Artikolu 6 tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 lanqas ma għandu japplika għall-obbligi ta' manteniment bejn konjuġi, ex konjuġi jew persuni li ż-żwieġ tagħhom ġie annullat. Madankollu, id-dritt speċifiku ta' kontestazzjoni disponibbli għall-partijiet f'dawn il-kategoriji ta' obbligi kien previst fl-Artikolu 5 tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007.

2) L-Artikolu 4(2) tal-Protokoll ta' Den Haag tal-2007 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-espressjoni "ma jkunx jista' […] jikseb manteniment" li tinsab f'din id-dispożizzjoni tirreferi wkoll għall-każijiet fejn id-dritt tal-post ta' residenza preċedenti ma jipprevedix kreditu ta' manteniment b'mod retroattiv sempliċement għaliex ċerti kundizzjonijiet legali ma jkunux issodisfatti.